MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 934/2001/1

**Gabriel u martu Josephine sive Guzeppa Parnis**

**vs**

**Joseph u martu Giovanna Cucciardi**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

1. B'citazzjoni intavolata nhar id-29 ta' Mejju, 2001, l-atturi appellati talbu lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

sabiex: (**1**) tikkundanna lill-esponenti jirrifondu lill-atturi s-somma ta' tlett elef u mitt lira Maltin (Lm3,100) li gew allegatament depozitati ghandhom; u (**2**) jikkonsenjaw lill-atturi l-oggetti kollha tad-deheb li jinsabu fil-pussess tal-konvenuti, fosthom is-sett tal-gawhar komplet, imsielet, labar, zewg crieket, gizirana, brazzuletta u arlogg ta' l-idejn, u fin-nuqqas il-konvenuti jigu ikkundannati jhallsu lill-atturi l-ekwivalenti taghhom fi flus kontanti, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi u taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti dik l-Onorabbli Qorti; bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri bonarji tas-7 ta' Frar 2001, tat-18 ta' Marzu 2001 u ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni; u dan wara li pprmettew:
Illi l-atturi, f'okkazzjonijiet differenti, iddepozitaw ghand il-konvenuti s-somma komplessiva ta' tlett elef u mitt lira Maltin (Lm3,100) li sussegwentement gew depozitati fil-fergha ta' Hal Qormi tal-Bank of Valletta p.l.c. f'isem il-konvenuti;

Illi l-konvenuti ghandhom ukoll fil-pussess taghhom diversi oggetti tad-deheb, li jappartjenu lill-atturi, fosthom sett ta' gawhar komplet, imsielet, labar, zewg crieket, gizirana, brazzuletta u arlogg ta' l-idejn;

Illi l-konvenuti qed jirrifjutaw li jirrifondu lill-atturi s-somma ta' tlett elef u mitt lira Maltin (Lm3,100) kif ukoll l-oggetti kollha tad-deheb fuq imsemmija;

2. Il-konvenuti eccepew hekk:
i. Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li:

(a) l-atturi qatt ma ddepositaw flus ghand il-konvenuti kif minnhom iddikjarat; u

(b) l-atturi qatt ma ddepositaw ghand il-konvenuti oggetti tad-deheb kif minnhom iddikjarat;

ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, il-konvenuti rrendew servigji lill-atturi bl-intiza tacita li ser jigu

kkumpensati ghal tali servigji, servigji li talba ghal-likwidazzjoni taghhom qed issir rikonvenzjonalment, bil-konsegwenti tpacija;

Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri, bl-atturi msejha minn issa in subizzjoni, u bl-ispejjez;

**IT-TALBA RIKONVENZJONALI TAL-KONVENUTI**

3. Illi rikonvenzjonalment, wara li l-konvenuti iddijaraw li xtaqu jipprevalixxu ruhhom mill-azzjoni attrici sabiex jipproponu kontro-talba taghhom a tenur ta' l-Artikolu 396 tal-Kap. 12, in kwantu tali kontro-talba gejja mill-istess fatt, u/jew kuntratt, u/jew titolu li minnhom gejjin it-talbiet attrici, kif ukoll ghaliex l-iskop tal-kontro-talba huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-atturi jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni attrici jew li jimpedixxi l-effetti taghha, l-esponent talbu lill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex: (1) Tiddikjara li l-konvenuti atturi rikonvenzjonali [recte: rikonvenzjonati] rrendew servigi lill-atturi rikonvenuti u ghalhekk tali atturi rikonvenuti [huma] debituri lejn il-konvenuti atturi rikonvenzjonali fil-valur ta' tali servigji; (2) Tillikwida u tordna l-hlas ta' kwantu dovut lill-konvenuti atturi rikonvenzjonali ai termini ta' l-ewwel talba; bl-ispejjez u bl-imghax, bl-atturi rikonvenuti msejjha in subizzjoni, u bir-riserva ta' kull azzjoni ulterjuri fil-ligi; u dan wara li ppremettew:

Illi l-konvenuti atturi rikonvenzjonali rrendew servigji lill-atturi rikonvenuti, u dan matul perjodu ta' cirka tliet snin;

Illi dan sar bl-intiza li l-konvenuti atturi rikonvenzjonali ser jigu kkumpensati adegwatament ghal tali servigji;

**L-ECCEZZJONIJIET TA' L-ATTURI GHAT-TALBIET RIKONVENZJONALI**

4. Ghat-talbiet rikonvenzjonali, l-atturi rikonvenuti eccepew hekk:

i. Illi t-talbiet tal-konvenuti Joseph u martu Giovanna Cucciardi kif kontenuti fil-kontro-talba taghhom ghal tpacija tal-kreditu mitlub mill-atturi jammontaw ghal ammissjoni da parti ta' l-istess konvenuti illi huma debituri ta' l-atturi rikonvenuti, skond it-talbiet attrici, peress li talba

ghal tpacija necessarjament timplika li hemm tnejn min-nies li huma debituri lejn xulxin u dana a tenur ta’ l-Artikolu 1196 tal-Kap. 16;

ii. Illi subordinatament u minghajr pregudizjzu ghall-premess it-talbiet tal-konvenuti Joseph u martu Giovanna Cucciardi kif kontenuti fil-kontro-talba taghhom ghal tpacija tal-kreditu mitlub mill-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi:

(1) Fl-ewwel lok it-tpacija tista’ ssir biss fejn id-dejn hu likwidu u cert a tenur ta’ l-Artikolu 1197 tal-Kap. 16 mentri fil-kontro-talba odjerna qed jigi mitlub li l-konvenuti ghandhom jigu kumpensati ghal servigi rezi li “talba ghal-likwidazzjoni taghhom qed isir rikonvenzjonalment, bil-konsegwenti tpacija.”

(2) Fit-tieni lok it-tpacija ma ssirx meta jkun qed jintalab ir-radd ta’ depozitu kif inhi t-talba attrici u dana a tenur ta’ l-Artikolu 1199 tal-Kap. 16;

(3) Fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi rikonvenuti diga` ikkumpensaw adegwatament lill-konvenuti u ghalhekk l-ebda hlas mhu dovut ghal servigi rezi;

## IS-SENTENZA APPELLATA

5. B’sentenza parzjali datata 22 ta’ Marzu, 2002, l-Onorabbli Prim’Awla iddecidiet “dwar l-ewwel eccezzjoni ta’ l-atturi ghall-kontro talba tal-konvenuti billi tiddikjara li bl-istess kontro talba u konsegwenti talba ghat-tpacija l-konvenuti stess cahdu l-ewwel eccezzjoni taghhom u fl-istess hin ammettew it-talbiet attrici”, u ddifferiet il-kawza sabiex tikkunsidra l-ammissibilita` tal-kontro-talba tal-konvenuti.

## L-APPELL TAL-KONVENUTI

6. Il-konvenuti talbu li jinghataw fakolta` li jappellaw mis-sentenzi parzjali msemmija, liema fakolta` giet lilhom akkordata; l-aggravji ta' l-appellanti jikkonsistu fis-segwenti:

**6.I Illi l-Ewwel Qorti qieset li ma kienx lecitu ghall-Kovenuti li jeccepixxu zewg linji difensjonali alternattivi minghajr pregudizzju ghal xulxin**

Illi mitluba sabiex jitrattaw dwar l-ammissjoni eccepita mill-atturi rikonvenuti, l-esponenti spjegaw it-tieni eccezzjoni taghhom fis-sens illi, f'kaz li kellha tigi michuda, in toto jew in parte, l-ewwel eccezzjoni taghhom, u kwindi milqugha, in toto jew in parte, it-talbiet attrici in kwantu relattivi ghall-kreditu monetarju vantat mill-atturi, f'dak il-kaz u f'dak il-kaz biss, allura l-likwidazzjoni kontestwali tal-kontro-talba taghhom ghal servigi rezi kellu jwassal ghal kompensazzjoni jew tpacija *ope judicis* bejn iz-zewg krediti rizultanti, u li kien f'dan is-sens illi t-tieni eccezzjoni saret minghajr pregudizzju ghall-ewwel wahda;

Illi l-Ewwel Qorti ddikjarat seduta stante, u zammet l-istess posizzjoni fis-sentenza taghha, illi l-ebda eccezzjoni ma tinghata minghajr pregudizzju, indipendentement mill-uzu tal-kliem "minghajr pregudizzju"; u li fil-fehma taghha ma kienx lecitu ghall-konvenuti li jqajmu difiza alternattiva mahsuba ghal kaz fejn l-ewwel eccezzjoni tigi michuda;

Illi l-esponenti prezentaw kopja ta' sentenza moghtija wkoll mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili diversament presjeduta, fejn saret kontro-talba ghal servigi f'kaz identiku fejn kien qieghed jintalab radd lura ta' flus u oggetti minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni principali li ma kien dovut xejn mit-talba principali; l-Ewwel Qorti madanakollu qieset li tali sentenza ma kellha l-ebda rilevanza ghall-eccepita ammissjoni, izda biss ghar-rigward ta' l-ammissibilita` tal-kontro-talba;

Illi l-esponenti jissottomettu umilment li ai termini ta' l-Artikolu 396 tal-Kap. 12 hija ammessa kull kontro-talba li tista' bi kwalsiasi mod iggib fix-xejn it-talba principali, u li ghaldaqstant meta jkun vantat kwalsiasi kreditu fi flus, kull

kreditu iehor li jista` eventwalment iwassal ghal tpacija jista’ jkun oggett ta’ kontro-talba; il-kwistjoni hija jekk tali tpacija tistax tigi eccepita minghajr pregudizzju sabiex tigi kkonsidrata f’kaz biss ta’ cahda ta’ l-eccezzjoni principali;

Illi sincerament l-esponenti ma jarawx ghalfejn ma ghandux ikun permess li jingiebu eccezzjonijiet konfliggenti ghal xulxin, basta jkun car il-kuntest; hija fil-fatt prassi regolari li dan isir, u darament ma jitqajjmux eccezzjonijiet li jkunu b’xi mod alternattivi ghal xulxin, bil-premess li qed isiru “minghajr pregudizzju” ghal xulxin. Hekk per ezempju zewg persuni li jkollhom incident awtomobilistiku jistghu fl-istess hin ikollhom relazzjonijiet ohra li fihom wahda mill-partijiet tkun debitrici kanonizzata ta’ l-ohra ta’ somma flus permezz ta’ sentenza jew ta’ kuntratt notarili. Jekk X jahbat ma’ Y u jichad li t-tort ghall-incident huwa tieghu, u fl-istess hin ghandu jiehu minghajd Y somma ta’ flus li ma tkunx kontestata, hija haga naturali li ser jeccepixxi li t-tort ghall-incident mhuwiex tieghu, izda li fi kwalunkwe kaz ma jistax jigi kkundannat ghall-hlas minhabba li huwa diga` kreditur ta’ somma ohra, bir-rizultat li kwalunkwe sentenza kontra tieghu tista’ biss tiddikjara t-tpacija, u mhux il-kundanna ghall-hlas;

Illi l-kaz odjern, it-tieni eccezzjoni riedet biss tirrileva haga ovvja, u cioe` li f’kaz li z-zewg partijiet jirnexxielhom jippruvaw il-krediti taghhom, ikun hemm lok ghal tpacija *ope judicis*, u li kien ghalhekk, li l-esponenti ghamlu talba rikonvenzjonali minflok agixxew permezz ta’ talba separata, fl-interess ta’ l-ekonomija tal-gudizzji;

**6.II Illi l-Ewwel Qorti qieset li kien hemm Kontraddittorjeta` bejn l-Ewwel u t-Tieni Eccezzjoni fejn ma kien hemm l-Ebda (sic).**

Illi ulterjorment, fic-cirkostanzi lanqas ma kien hemm il-konfliggenza u l-kontraddittorjeta` ravvizata mill-Ewwel Qorti, u dan in kwantu, kif spjegat waqt it-trattazzjoni, l-eccepita tpacija ma kellhiex necessarjament topera fir-rigward tat-talbiet attrici fl-intier taghhom, billi kien hemm

il-possibilita` li tali talbiet jintlaqghu biss in parte. Bhala fatt gie spjegat li fil-mertu (li sa issa ghadu ma giex investit) kien ser ikun involut ezercizzji ta' konteggi, haga li ma tidhirx li hi kontestata mill-atturi, illi ammettew li gew rezi lilhom servigji mill-esponenti, izda eccepew (para. 3) li l-atturi rikonvenuti kienu diga` kkumpensaw adegwatament lill-konvenuti u li ghalhekk ma kien dovut l-ebda hlas ghas-servigi rezi;

Illi tenut kont tal-fatt li hemm miz-zewg nahat krediti li jridu jigu verifikati (anke billi l-interpellazzjonijiet ta' l-atturi kienu dejjem f'ammonti differenti ghal xulxin u li bdew jizdiedu fl-ammont ma' kull interpellazzjoni li ssir), u li jiddependu minn konteggi u minn valutazzjonijiet li ghadhom iridu jsiru, l-esponent ma jara l-ebda kontradittorjeta` fl-eccezzjoni li jista' jkun hemm lok ghal tpacija. Dan specjalment billi tali tpacija qatt u fl-ebda cirkostanza ma setghet tolqot it-talbiet kollha attrici u setghet biss l-ewwel talba, in kwantu t-tieni talba tikkoncerna radd lura ta' oggetti. Dan il-fatt biss ukoll ghandu jikkonvinci lil din l-Qorti li f'kull kaz it-tpacija eccepita setghet biss kienet parzjali, b'mod li t-tpacija eccepita alternattivament setghet biss eventwalment tolqot parti mit-talbiet attrici;

Illi finalment l-avukat sottoskritt jista' jassigura lil dina l-Qorti, kif diga` ghamel quddiem l-Ewwel Qorti, illi l-esponent qatt ma kellhom l-icken intenzjoni li jammettu t-talbiet attrici jew l-icken idea li l-kontro-talba taghhom ghal servigi setghet tinftiehem f'dan is-sens. Jigi sottomess fi kliem iehor li dan l-incident ma hu xejn hlief rizultat ta' interpretazzjoni letterali u ghamja tal-kliem uzati mill-avukat sottoskritt, u dan minghajr l-ebda referenza ghall-kuntest u ghall-intenzjoni ovvja u manifesta ta' l-esponenti, li ma ghandhomx isofru pregudizzju jekk seta' kien hemm xi ambigwita` fil-kliem maghzula mill-avukat difensur taghhom, anke jekk tali kliem ma kienu xejn hlief riproduzzjoni ta' stil ta' kitba li jintuza regolarment fil-professjoni.

Ghaldaqstant Joseph u martu Giovanna Cucciardi, filwaqt li jaghmlu referenza ghall-provi prodotti u dawk producibbli

skond il-ligi f'dan l-istadju ta' l-appell, talbu lil dina l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell joghgobha tirrevoka, tannulla u thassar is-sentenza parzjali tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' Marzu, 2002, fl-ismijiet *Gabriel u martu Josephine sive Guzeppa Parnis vs Joseph u martu Giovanna Cucciardi,* Citazzjoni Numru 934/01 AJM billi tichad l-ewwel eccezzjoni ta' l-atturi rikonvenuti u tirrizerva d-decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni taghhom ghas-sentenza fil-mertu, u tirrimanda l-atti quddiem il-Qorti tal-Prim' Istanza sabiex tiehu konjizzjoni u tiddeciedi dwar it-talbiet principali u rikonvenzjonali fil-mertu skond il-ligi, bl-ispejjez ta' dina l-istanza kontra l-atturi appellati u bl-ispejjez finali riservati ghas-sentenza finali.

**IR-RISPOSTA TA' GABRIEL U MARTU JOSEPHINE SIVE GUZEPPA PARNIS GHAR-RIKORS TA' L-APPELL**

7. L-appellati wiegbu hekk:

Illi s-sentenza parzjali appellata tat-22 ta' Marzu, 2002, fl-ismijiet premessi hija gusta u timmerita konferma u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Illi l-appellanti fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom quddiem l-Ewwel Qorti cahdu t-talbiet attrici ghar-rifuzjoni ta' somma flus u oggetti tad-deheb li gew depozitati ghand l-istess appellanti, billi rritenew illi qatt ma gew depozitati flus jew effetti tad-deheb ghandhom. Fl-istess nifs, l-appellanti eccepew illi huma rrendew servigi lill-atturi bl-intenzjoni li jigu kumpensati taghhom u ghalhekk kontestwalment man-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentaw kontro-talba ghal-likwidazzjoni tal-kumpens tas-servigi rezi sabiex l-ammont hekk likwidat jigi kumpensat ma' l-ammont dovut lill-atturi u ghalhekk ikun hemm **it-tpacija**.

Illi l-Artikolu 1197 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi "*It-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus, jew kwantita` determinata ta' hwejjeg fungibbli ta' l-istess speci, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu*." Dan l-artikolu ghalhekk necessarjament jimplika l-ezistenza ta' debiti reciproci. Ghalhekk il-kontro-talba proposta mill-appellanti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ghat-tpacija tal-kumpens dovut

lilhom ghas-servigi ma' l-ammont dovut lill-atturi ma tfisser xejn hlief rikonoxximent tal-kreditu mitlub mill-atturi, li l-appellanti bil-kontro-talba taghhom ittantaw ipacuh mal-kumpens ghas-servigi allegatament dovut lilhom. Inoltre, l-appellanti ma setghu qatt, kif effettivament ghamlu bil-gurament taghhom, jichdu t-talbiet attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt f'nifs wiehed u fl-istess nifs imbaghad jghidu li l-ammont pretiz mill-atturi kellu jigi pacut ma' kumpens ghal servigi allegatament dovut lilhom.

Illi l-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghhom isostnu wkoll illi t-tieni eccezzjoni taghhom saret minghajr pregudizzju ghall-ewwel wahda, u jghidu wkoll illi "*ma jarawx ghalfejn ma ghandux ikun permess li jingiebu eccezzjonijiet kunfliggenti ghal xulxin*", ghalkemm fl-istess nifs isostnu wkoll li *"Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti qieset li kien hemm Kontradittorjeta` bejn l-Ewwel u t-Tieni Eccezzjoni fejn ma kien hemm l-Ebda"*.

Illi kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Onorabbli Qorti, hemm kontradizzjoni wkoll bejn dak li gie eccepit mill-konvenuti u l-kontro-talba minnhom ipprezentata ghal tpacija ta' l-allegat kumpens ghal servigi dovut lilhom mill-atturi. Dawn iz-zewg eccezzjonijiet ma setghux jinghataw flimkien, in konsonanza mal-principju ta' *electa una via non datur recursus ad alteram*, principju li ghalkemm mhux miktub f'termini generali u pozittivi f'ebda ligi, sew antika sew gdida, gie mill-interpreti tad-Dritt Ruman affermat bhala konsegwenza ta' hafna testi partikolari, li kienu assumewh bhala regola ta' dak li kien gie dispost minnhom. Skond dawn l-istess testi differenti, dawk li nterpretaw l-istess Dritt Ruman holqu l-principju li fil-konkors alternattiv ta' hafna azzjonijiet u eccezzjonijiet, l-ezercizzju ta' wahda minnhom tolqot u testingwi l-ohrajn.

Illi fl-ahharnett jigi rilevat ukoll illi l-istess appellanti fir-rikors ta' l-appell taghhom, fit-tlettax-il paragrafu, jergghu jirrikonoxxu l-veracita` tat-talbiet attrici, meta jghidu illi "*…l-eccepita tpacija ma kellhiex necessarjament topera fir-rigward tat-talbiet attrici fl-intier taghhom, billi kien hemm il-possibilita` li tali talbiet jintlaqghu biss in parte. Bhala fatt gie spjegat li fil-mertu (li issa ghadu ma giex*

*investit) kien ser ikun involut ezercizzji ta’* ***konteggi***[1]……” Dan wara li l-appellanti gia` konvenuti kienu eccepew bil-gurament fl-ewwel eccezzjoni taghhom illi l-pretensjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-atturi **qatt ma ddepositaw flus jew oggetti tad-deheb ghand il-konvenuti**.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet fuq esposti, is-sentenza appellata ghandha, skond l-atturi, tigi konfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI**

8. Din il-vertenza tirreferi ghal talbiet dedotti mill-atturi ghall-fini ta’ rifuzjoni ta’ ammont ta’ flus li l-atturi jallegaw li ddepozitaw ghand il-kontro-parti konvenuta kif ukoll ghal fini ta’ restituzzjoni ta’ oggetti tad-deheb li huma jghidu li ddepozitaw ghand l-istess konvenuti. Kemm fil-kaz tal-flus, kif ukoll fil-kaz ta’ l-oggetti tad-deheb, l-atturi specifikaw bil-preciz l-ammont reklamat, u fil-kaz ta’ l-oggetti tad-deheb huma jispecifikaw kull oggett wiehed wiehed.

9. In linea difensjonali, il-kontro-parti konvenuta ghazlet u mxiet fuq zewg binarji. Fl-ewwel lok, bis-sahha ta’ nota ta’ eccezzjonijiet, il-konvenuti eccepew li ghandhom jigu respinti l-imsemmija talbiet attrici in kwantu l-konvenuti cahdu li qatt saru tali depoziti ta’ flus u oggetti tad-deheb; pero` imbaghad ikomplu hekk

“illi minghajr pregudizzju ghas-succepit, il-konvenut rrendew servigi lill-atturi bl-intiza tacita li ser jigu kkumpensati ghal tali servigi, servigi li talba ghal-likwidazzjoni taghhom qed issir rikonvenzjonalment, bil-konsegwenti tpacija” (Sottolinear tal-Qorti)

Fil-fatt, il-konvenuti ghaddew biex jintavolaw talba rikonvenzjonali u dan bl-iskop dikjarat li “jpaci l-kreditu

[1] Enfasi mizjuda

mitlub mill-atturi jew li b'kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni attrici jew igib fix-xejn l-effetti taghha."

10. Wara li rriferiet ghall-Artikolu 1197 tal-Kap. 16 dwar tpacija bejn zewgt idjun, l-ewwel Qorti esprimiet ruhha fis-sens li kien hemm kontradizzjoni bejn dak li jinghad fl-eccezzjoni (recte eccezzjonijiet) tal-konvenuti flimkien mal-kontro-talba li dawn ipprezentaw u dan "billi ma tistax f'nifs wiehed tichad dak li qed jintalab mill-atturi bhala mhux veritjer u fl-istess hin tipprova tikkumpensa l-ammont reklamat ma' somma ohra da likwidarsi allegatament dovuta ghall-servigji rezi."

11. L-aggravju tal-konvenuti gie maqsum f'zewg partijiet mill-appellanti, igifieri li
(i) l-ewwel Qorti qieset li ma kienx lecitu ghall-konvenuti li jeccepixxu zewg linji difensjonali alternattivi minghajr pregudizzju ghal xulxin; u

(ii) l-ewwel Qorti qieset li kien hemm kontradittorjeta` bejn l-ewwel u t-tieni eccezzjoni, meta dan ma kienx il-kaz.

Din il-Qorti sejra tiddelibera dwar dan l-aggravju taht iz-zewg aspetti f'daqqa peress li hemm konnessjoni diretta bejniethom.

12. Illi ghalkemm huwa minnu li fi proceduri bil-miktub f'materja ta' eccezzjonijiet tezisti l-possibilita` li l-eccipjent jissolleva eccezzjonijiet alternattivi, kif ukoll li jaghmel dan "bla pregudizzju", b'danakollu xorta wahda jibqa' dmir tal-parti eccipjenti li tara li f'dak li hija tkun qeghdha tasserixxi bil-gurament per via ta' eccezzjoni ma jkunx hemm hwejjeg li huma manifestament konfliggjenti. Ghalkemm ix-xjenza legali tista' twassal biex l-impostazzjoni tal-premessi u t-talbiet fl-att tac-citazzjoni, kif ukoll l-eccezzjonijiet fin-nota tal-konvenut isiru b'certa teknika u hila, dan ma jfissirx li parti f'kawza ghandha tithalla tbiddel impenement att procedurali f'espedjent ta' mera konvenjenza jew, aghar u aghar, fi stratagemma intiza biss biex tinnewtralizza l-azzjoni istitwita kontriha mill-parti l-ohra. Fi kliem aktar semplici, kull parti ghandha d-dmir li

tkun veritjera u lejali lejn il-Qorti u lejn il-parti avversarja fl-interess suprem tal-gustizzja.
Fil-kaz in ezami, jidher evidenti li l-parti konvenuta riedet tkun, kif jinghad bl-Ingliz "*too clever by half*". Fl-istess nifs li l-konvenuti qeghdin jichdu bil-gurament taghhom zewg fatti specifici, igifieri li huma rcevew in depozitu ammont ta' flus, kif ukoll numru ta' oggetti tad-deheb minghand l-atturi, qed jghidu li jekk stess dan kien minnu (!) allura huma kienu "a loro volta" kredituri ta' l-atturi u li kemm-il darba tali talba da parti ta' l-atturi kellha tintlaqa', din ghandha tigi pacuta mal-kreditu pretiz minnhom.

13. Din il-Qorti wara li ezaminat akkuratament is-sentenza appellata, jidhrilha li l-ewwel Qorti kienet altru milli korretta meta sabet li l-asserzjonijiet tal-konvenuti – kif jemanaw min-nota ta' eccezzjonijiet u esposti mill-gdid u b'izjed enfasi fit-talba rikonvenzjonali – bhala kontradittorji. Mhux hekk biss, imma l-ewwel Qorti sabet ukoll li b'dak li qeghdin jasserixxu l-konvenuti ghal fini ta' tpacija – igifieri li hemm zewgt idjun x'jigu pacuti ma' xulxin – li b'daqstant il-konvenuti kienu qeghdin effettivament jirrikonoxxu l-kreditu pretiz mill-atturi. Din il-Qorti hija pjenament konkordi ma' dak li gie ritenut mill-ewwel Qorti.

14. L-izball li bir-rispett kollu qeghdin jaqghu fih l-appellanti fis-sottomissjonijiet taghhom huwa dak li ma humiex jiddistingwu sew bejn eccezzjonijiet alternattivi ghal xulxin minn ohrajn li huma konfliggjenti. Di fatti, l-appellanti fir-rikors ta' appell taghhom sahansitra jesprimu ruhhom hekk,
"….sincerament l-esponenti ma jarawx ghalfejn ma ghandux ikun permess li jingiebu eccezzjonijiet konfliggjenti ghal xulxin, basta jkun car il-kuntest; hija fil-fatt prassi regolari li dan isir, u narament ma jitqajmux eccezzjonijiet li jkunu b'xi mod alternattivi ghal xulxin, bil-premessa li qed isiru 'minghajr pregudizzju' ghal xulxin".

Bil-fatt, imbaghad, li l-istess konvenuti iddecidew li jikkonvertu dawn l-"eccezzjonijiet konfliggjenti ghal xulxin" fi premessa specifika biex jintavolaw talba rikonvenzjonali kien ifisser li huma komplew jissiggillaw mod ta'

procediment li kien manifestament wiehed skorrett u kontradittorju, u li kien iwassal lejn certa finalita` li timmilita kontra taghhom. Quddiem dan kollu, din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddilunga oltre dwar l-aggravju tal-konvenuti peress li jidhrilha li huwa wiehed manifestament infondat u ghandu jigi respint;

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza in parte moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Marzu, 2002, fil-kawza fl-ismijiet premessi, b'dan li tordna li l-atti tal-kawza jigu mibghuta lura mill-aktar fis quddiem l-ewwel Qorti tramite r-registratur, ghal fini ta' kontinwazzjoni u decizjoni skond il-ligi fuq il-bqija tal-mertu. L-ispejjez ta' dan l-appell ikunu unikament a karigu tal-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------